MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Numru. 930/2008

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Raymond Caruana, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Frar, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta’ Settembru, 2008 bejn id-9.00 p.m. u il-11.10 p.m. waqt li kien fir-residenza tiegħu sitwata, ‘St. Francis’, Triq San Gwann, Fgura u f’toroq oħra ġewwa l-Fgura, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan l-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ delitt u cioe’ ta’ offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Tania Margaret Caruana mill-Fgura;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe’ offiża ta’ natura

ħafifa fuq Tania Margaret Caruana, skond ma ċċertifika it-Tabib Dr. I Gauci M.D. mill-Poliklinika ta’ Raħal Ġdid;
3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta’ awtorita’ kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil Tania Margaret Caruana kontra l-volonta’ tagħha;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi mbotta lil Tania Margaret Caruana sabiex iweġġagħha jew jjinsulentha;
5. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat u ġlied, jew b’mod ieħor;
6. talli b’hekk kiser il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Tania Margaret Caruana u il-familjari tagħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 214, 216, 221(1), 86, 87, 338(dd) u 339(1)(l) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitlu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u aktar importanti minn hekk jirrizulta li hu għandu problema ta’ xorb li jġibu jaġixxi f’din il-manjiera meta jkun xurban. Għalhekk, f’dan ix-xenarju piena ta’ priġunerija mhiex indikata. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta’ Probation skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta għal perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Minbarra dan, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali torbot lill-imputat li ma jkellimx jew

jimmolesta lil martu, Tania Margaret Caruana, għal żmien sena taħt penali ta’ €230.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------